# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2016

# Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

# Il-Ħin: 30 minuta

Il-KARTA TAL-EŻAMINATURI

NOTA:

**L-iskript kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat. Jinqara BISS mill-inviġilatur f'każ li r-rekording ma jaħdimx.**

**Merħba.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.**

**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se tinqara darbtejn.**

**Issa nitolbok tiftaħ il-karta li għandek quddiemek u ssib paġni tnejn u tlieta.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.**

*-------------- Waqfa ta' 50 sekonda ---------------*

**Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**L-Ewwel Silta: Riesqa l-Ħarifa**

Fin-natura, il-ħajja tinbidel skont l-istaġun li nkunu fih. F'pajjiżna, is-sajf huwa żmien twil u aħrax, żmien ta' xemx kiefra u nuqqas kbir ta' ilma. Fil-ħarifa n-natura terġa' tieħu r-ruħ; il-widien u l-għelieqi jilqgħu l-ilma tax-xita u b'hekk ifuru bil-ħajja. Żrinġijiet, gambli tal-għadajjar u annimali żgħar oħra jiġu f'tagħhom f'dan iż-żmien qabel l-ilma jerġa' jinxtorob mill-arja. Mill-banda l-oħra, dawk in-nixxigħat li jżommu ftit ilma tul is-sena kollha, joffru l-ambjent ideali fejn jgħix il-qabru, l-uniku tip ta' granċ tal-ilma ħelu li nsibu f'Malta. Minkejja li protett bil-liġi, dan il-granċ qed jilgħabha li jinqered darba għal dejjem.

Fil-ħarifa l-baħar jistrieħ u jieħu n-nifs wara li jkun ra folol kbar ta' nies jgħumu u jbaħħru b'dgħajjes u jottijiet. Madanakollu, il-ħajja fil-baħar tkompli fil-ħarifa, anki jekk tkun ftit iktar siekta mill-ġranet tas-sajf. Il-ħajja ta' taħt l-ilma hija ħajja oħra. Tisma' biss in-nifs tal-bugħaddas, sakemm ma tmissekx ix-xorti u tesperjenza denfil jgħum ħieles f'wiċċ l-ilma. Il-ħajja tan-natura tistedinna nammirawha tul is-sena kollha. Aħna fid-dmir li nipproteġuha biex nibqgħu nieħdu gost biha fiż-żmien li ġej u jgawduha ta' warajna.

**Tmiem l-ewwel silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Fin-natura, il-ħajja tibqa' dejjem l-istess.

Din tiġi **FALZ**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ħdejn **FALZ**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Fil-ħarifa, in-natura terġa' timtela bil-ħlejjaq.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Barra żrinġijiet u gambli, insibu wkoll xi speċi ta' ħut li jgħixu fl-għadajjar.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Tul is-sajf, in-nixxigħat kollha ta' Malta jkunu bla ilma.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-qabru jinsab f'riskju li ma jibqax jeżisti fid-dinja.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Il-ħajja fil-baħar tkun aktar kwieta fil-ħarifa minħabba li jonqsu n-nies mix-xtajtiet.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Din is-silta hi dwar

a) **<u>l-istaġuni u n-natura.</u>**

b) l-istaġun tas-sajf.

ċ) l-ambjent ta' ħdejn il-baħar.

It-tweġiba t-tajba hija **(a) l-istaġuni u n-natura.** Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

F'pajjiżna, is-sajf hu

a) qasir u kwiet.

b) twil u kiefer.

ċ) kiesaħ u aħrax.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

'**Tieħu r-ruħ**' tfisser li n-natura

a) tmur għall-agħar.

b) timtela b'ħafna riħ.

ċ) tmur għall-aħjar.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Il-qabru nistgħu nsibuh

a) ħdejn il-baħar.

b) fl-għadajjar tal-kampanja.

ċ) fl-ilma li jinġabar fit-toroq wara x-xita.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-ħajja ta' taħt l-ilma

a) hi differenti għalkollox mill-ħajja fuq l-art.

b) tixbah ħafna l-ħajja fuq l-art.

ċ) tixbah ftit il-ħajja fuq l-art.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Skont is-silta, '**tmissek ix-xorti**' tfisser

a) tiġik opportunità ta' darba.

b) titwieled xortik tajba.

ċ) ikollok ħafna flus.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

*--------------- Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet ---------------*

**Issa se tinqara t-tieni silta. Nitolbok issib paġni erbgħa u ħamsa.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.**

*--------------- Waqfa ta' 50 sekonda ---------------*

**Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**It-Tieni Silta: Ajjut! Is-silġ qed jinħall!**

Uff xi sħana!! Is-sajf dalwaqt magħna. Imma intom, tfal, qegħdin tħossuha s-sħana? Mela dan l-aħħar irċevejt ittra mingħand ħabib tiegħi li joqgħod ħafna ħafna 'l bogħod minn Malta. Sieħbi Glenn, li huwa pingwin, bagħat jgħidli li l-ambjent tiegħu, jiġifieri s-silġ tal-Antartika, qiegħed bil-mod il-mod jinħall u qed jibża' li hu, il-familja tiegħu u sħabu l-oħra l-pingwini se jisfaw bla dar. Maaa x'biża'! Immaġina li inti tispiċċa bla dar! Imma allura, ngħid jien, dan kif qatt jista' jkun?

Mort sibt lill-kuġina tiegħi, Fiona l-balena, għax dik kollox tkun taf, u staqsejtha dwar din il-problema. Hi qaltli li d-dinja qed tisħon minħabba xi attivitajiet tal-bniedem u b'hekk qed togħla t-temperatura tad-dinja. Fl-aħbarijiet spiss iwissuna fuq il-ħsara li qed iġib miegħu t-tibdil fil-klima. L-aħħar darba x-xandar qal li l-bniedem sar jiddependi wisq fuq l-elettriku u t-trasport. Żied jgħid li dan qed iwassal biex jintefgħu ħafna gassijiet velenużi fl-arja li minħabba fihom id-dinja qisha qiegħda tingħalaq f'serra. Ir-raġġi tax-xemx jidħlu u ma jerġgħux joħorġu kollha lura. Hekk, dawn jibqgħu maqbuda ġol-atmosfera tagħna u t-temperatura tad-dinja togħla bil-mod il-mod. Dan hu magħruf bħala l-effett serra.

Bqajt b'ħalqi miftuħ meta Fiona l-balena għarrfitni li x-xjenzati sabu li, bi klima aktar sħuna, is-silġ tal-Antartika qed idub. Minħabba f'hekk, il-livell tal-baħar jogħla u xi gżejjer għad jitgħattew bl-ilma. Barra minn hekk, jista' jkollna temp estrem bħal nixfa kbira u għargħar. X'waħda din! Żgur li aħna ma rridux li jiġru dawn l-affarijiet għax inbatu aħna u min ġej warajna.

Jaħasra, kemm nixtieq nagħmel xi ħaġa biex ngħin lil Glenn u l-pingwini l-oħra! Fiona l-balena qaltli li kulħadd jista' jagħmel xi ħaġa biex ma tkomplix tisħon id-dinja u tatni ftit pariri. Fosthom qaltli biex:

- Naqraw aktar dwar l-ambjent u nwasslu t-tagħrif lill-oħrajn.
- Nisseparaw l-iskart u nirriċiklaw.
- Nimxu jew nużaw ir-rota minflok il-karozza.
- Inħawlu s-siġar għax jixorbu l-gassijiet velenużi mill-arja u jarmu arja tajba.
- Ma nħallux apparat li jaħdem bl-elettriku mixgħul għalxejn.
- Nużaw riżorsi tal-enerġija alternattiva bħall-pannelli tax-xemx.

Jien waħdi ftit nista' nagħmel, imma flimkien magħkom, tfal, nistgħu ngħinu lil Glenn, lill-annimali l-oħra u d-dinja kollha tnaqqas il-gassijiet velenużi li ftit ftit qegħdin joqtlu d-dinja li, wara kollox, hi d-dar tagħna. F'idejkom, tfal!

**Tmiem it-tieni silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Glenn huwa

a) ors abjad.

b) balena.

ċ) **pingwin.**

d) kelb il-baħar.

It-tweġiba t-tajba hija **(ċ) pingwin.** Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

Il-ħlejjaq tal-Antartika jistgħu jispiċċaw bla dar għax is-silġ

a) qed jintuża biex il-bnedmin ikessħu d-djar tagħhom.

b) qed idub u b'hekk qed jinqered l-abitat tagħhom.

ċ) qed ibiddel il-kulur tiegħu.

d) qed jiksi aktar artijiet.

*-------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru tlieta:**

Il-balena u n-narratur huma

a) ħbieb.

b) kollegi.

ċ) xjenzati.

d) qraba.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru erbgħa:**

Il-balena qalet li t-temperatura tad-dinja

a) hija stabbli.

b) hija ideali.

ċ) tielgħa.

d) nieżla.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru ħamsa:**

Fl-aħbarijiet intqal li l-bniedem sar jiddependi ħafna

a) mill-elettriku u l-karozzi żgħar biss.

b) mill-karozzi tal-linja u r-roti.

ċ) mix-xemx u s-serer.

d) mill-elettriku u t-trasport.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru sitta:**

L-effett serra jseħħ minħabba li r-raġġi tax-xemx

a) jidħlu fl-atmosfera u jaħbtu direttament mas-silġ.

b) jidħlu u ma joħorġux mill-atmosfera minħabba l-gassijiet velenużi fl-arja.

ċ) jidħlu u ma joħorġux mill-atmosfera minħabba s-serer tal-għelieqi.

d) jidħlu u joħorġu mill-atmosfera minħabba l-gassijiet velenużi fl-arja.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B: Imla l-vojt b'kelma waħda, skont is-sens tas-silta.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

Fiona l-balena qalet li biex ma tkomplix tisħon id-dinja, aħna nistgħu nagħtu ______ t'id.

Il-kelma t-tajba, nieqsa fl-ewwel sentenza, hija **daqqa**. Għalhekk ktibt **daqqa** fil-vojt.

Mela s-sentenza ġiet: Fiona l-balena qalet li biex ma tkomplix tisħon id-dinja, aħna nistgħu nagħtu **daqqa** t'id.

**Issa se nerġa' naqralek is-sentenza, flimkien mal-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

Fiona l-balena qalet li biex ma tkomplix tisħon id-dinja, aħna nistgħu nagħtu **daqqa** t'id. Dan nistgħu nagħmluh billi __________ apparat elettroniku jekk ma nkunux qed nużawh.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Meta nivvjaġġaw minn post għal ieħor nistgħu __________ jew nużaw ir-rota.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Tkun idea tajba jekk inħawlu aktar siġar billi dawn inaqqsu l-gassijiet li jagħmlu l- __________ u jarmu arja tajba.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Barra minn hekk, ir-riċiklaġġ, is-separazzjoni tal- __________ u l-użu ta' riżorsi ta' __________ alternattiva huma ferm importanti.

-------------- *Waqfa ta' 6 sekondi* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

-------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

-------------- *Waqfa ta' minuta* ---------------

**Grazzi. Is-sessjoni tas-smigħ spiċċat. Saħħa!**